MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2007

Numru 845/2003

Il-Pulizija
(Spettur Michael Mallia)

vs

Marcel Dingli

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 613658(m) akkuzat talli:

1. Fl-1 ta’ Novembru 2002 ghal habta tat-8.15am fil-bini tal-Qorti ta’ Malta, Triq ir-Repubblika l-Belt, Valletta, bi vjolenza jew theddid gieghelt ufficjal pubbliku li jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x’taqsam mal-kariga tieghu;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded imhallef, jew l-avukat generali, jew magistrate, jew gurat, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel id-dmirijiet tieghu, jew bil-hsieb li jbezzghu, inkella li jinflwixxi fuqu kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga tieghu;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bhala impiegat jew ufficjal pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu, ghamel uzu hazing minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impieg tieghu, jew seraqhom;
5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impiegat pubbliku, dolozament bi ksur tad-drittijiet tieghu, ghamel jew naqasli jaghmel xi att mhux imsemmi f'disposizzjonijiet ohra tal-ligi, b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-15 ta' Marzu 2005;

Rat is-sentenza tal-Appell tad-9 ta' Frar 2007;

Rat id-digriet sussegwenti ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tat-12 ta' Frar, 2007,
fejn dik il-Qorti asteniet li tiehu konjizzjoni tal-atti;

Rat il-verbal taghha tal-25 ta' Mejju 2007;

Rat inn-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat.

Ezaminat ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluzi l-artikoli mahruga mill-Avukat Generali quddiem dina l-Qorti kif allura preseduta;

Ikkonsidrat:

Illi fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell inghad fil-parti decizjonali illi: “tannulla s-sentenza appellata fejn illiberat lill-appellant [ossija l-imputat Marcel Dingli] mill-imputazzjoni ta’ ingurji jew theddid skond l-Artikolu 95 tal-Kap 9 u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficju tad-doppio esame, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex targa’ tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi”. Per konsegwenza ta’ din id-decizjoni din il-Qorti issa ghandha tinvesti mill-gdid l-akkuzi prospettati mill-Avukat Generali kontra l-imputat taht l-Artikolu 110(2), 91, 124, 127, 138, 17(b)(h) 20, 23 u 533 tal-Kap 9 izda mhux ukoll taht l-Artikolu 95 li, trattasi r-reat ta’ ingurji jew theddid kontra ufficjali pubblici ohra jew offizi fuq il-persuna taghhom, l-imputat gie liberat.

Intant il-fatti in breve huma illi fl-1 ta’ Novembru 2002 l-imputat kien halla busta tad-daqs ‘A4’ fuq it-Tribuna tal-Awla preseduta mill-Magistrat Jaquiline Padovani Grima, qabel ma l-istess Magistrat, kienet dahlet ghax-xoghol, u misjuba hemm mill-Messaggier ta’ dik l-Awla, il-busta ittiehdet u tpoggiet fis-sigrieta ta’ dik l-Awla. L-imsemmija busta kella stampat fuqha il-kliem ‘Director of Contracts’ u bil-kitba l-isem tal-Magistrat. In segwitu meta dahlet il-Magistrat il-fatt ta’ din il-busta gie riferut minnha lid-Direttur tal-Qorti li minn naha tieghu involva l-pulizija li intervenew sabiex jinvestigaw assistiti minn membri tal-Forzi Armati minhabba suspett li l-kontenut tal-busta seta’ jikkontjeni esplossivi. Minn dan kollu ma rrizulta xejn stante li l-kontenut kien jikkonsisti f’pupazz tad-WWF, kartolina tal-gheluq snin, librett intitloat ‘George Borg Olivier – Statista ta’ Vizjoni u Perseveranza’ u ritratt zghir tal-imputat li fuq ir-retro tieghu kien hemm miktub ‘PN Forever’. L-imputat fix-xhieda tieghu li ta quddiem din il-Qorti diversament preseduta spiega l-ammirazzjoni tieghu (rasenti l-infatwazzjoni) li kellu lejn l-imsemmija Magistrat u b’tpattija ghall-incident li huwa jghid kienet ‘cajta goffa’ u li jirrisali ghal hdax il-sena qabel, iddecida li jaghmilha kompliment billi ftakkar li dak ix-xahar kien jahbat l-anniversarju tal-Magistrat fis-sens ta’ gheluq snina.

Jirrisulta wkoll li l-imputat ibati minn kundizzjoni patologika li minhabba fiha kien anka gie rikoverat f'xi okkazjonijiet l-Isptar Monte Carmeli ghall-kura.

Illi rikonsiderati l-artikoli tal-ligi dedotti mill-Avukat Generali kontra l-imputat hija l-fehma ta' din il-Qorti wara li ikkonsidrat il-provi in meritu illi:

- l-Artikolu 110(2) tal-Kap 9, jittratta l-'holqien ta' reat'. Xejn pero' ma jirrisulta mill-provi li din l-akkuza hija sostenibbli. Din il-Qorti assolutament ma tirrijavvisax, anzi hu eskluz fil-kaz in ispecje, li l-imputat iddenunzja reat jew holoq tracci ta' xi reat b'mod li setghu jinbdew xi proceduri kriminali.
- l-Artikolu 91 tal-Kap 9 jittratta 'vjolenza u theddid kontra ufficjali pubblici' u jiskatta meta 'kull min bi vjolenza jew b'theddid igieghel ufficjal pubbliku li jaghmel jew ma jghamilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu'. Fil-kuntest ta' dan ir-reat m'hemmx dubbju li Magistrat huwa ufficjal pubbliku (Artikolu 92) u jirrikjedi ghas-sosteniment tieghu kemm il-mezzi uzati mill-akkuzat u l-iskop tieghu. Ta' l-ewwel jikkontradistingwu ruhhom fl-element materjali u jikkonsistu fil-vjolenza jew minacci. "There is violence whenever the will of the public officer is forcibly constrained or impelled into doing or omitting the act by means of force  calculated into doing or omitting the act by means of force calculated to overwhelm his repugnance or to overcome his resistance" jghid Sir Anthony Mamo li fir-rigward l-element formali jew intenzjonali, igifieri fil-konfront tal-iskop tal-akkuzat, jghid illi hu (cjoe' l-akkuzat) "must have aimed at procuring or frustrating the doing by the public officer of an act appartaining to his office". Issa fil-wat illi l-misfatt tal-akkuzat gab in effett it-thasir tax-xoghol fil-Qorti f'dik il-gurnata certament dan ma kienx l-iskop tieghu u l'anqas fic-cirkostanzi izzid din il-Qorti prevedibbli mill-imputat anka minhabba l-istat psikiku tieghu. Ergo anka taht dan l-Artikolu din il-Qorti mhux qeghdha issib htija.
- l-Artikolu 124 tal-Kap 9 jittratta l-'interess privat f'aggudikazzjonijiet ecc'. Frankament din il-Qorti ma tarax

kif dan ir-reat dedott mill-Avukat Generali jinkwadra fil-kawza de quo.

- l-Artikolu 127 tal-Kap 9 jittratta ‘serq minn ufficjal jew impiegat pubbliku’. Fil-kuntest ta’ dan l-artikolu mhux kontrastat li l-imputat huwa ufficjal pubbliku u l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni hi bazata fuq il-fatt li l-imputat seraq l-busta li fiha inkluda l-oggetti aktar il-fuq imsemmija. B’kull dovut rispett din il-Qorti hi tal-fehma li l-akkuza taht dan l-artikolu tirrazenta il-fiergha. Semmai jekk verament l-imputat irrenda ruhhu hati ghal fatt ta’ din il-busta li ghaliha, kellu access liberu bhal kull impiegat iehor f’dak id-dipartiment, ossija id-‘Dipartment of Contracts’, kien ghall-uzu hazin li ghamel minnha li fil-fehma ta’ din il-Qorti kien sanzjanabbli semmai mhux taht dan l-artikolu izda fuq artikolu iehor riferibbli ghall-uzu illegittimu ta’ dokument pubbliku u dan fil-kaz jekk semplici busta tikkwalifikax bhala dokument pubbliku.
- L-Artikolu 138 tal-Kap 9 jittratta l-‘ksur doluz ta’ dmirijiet ufficjali’. Hawnhekk wkoll din il-Qorti mill-assiem tal-provi ma tirrijavvisax li l-imputat wettaq xi att b’tghakis jew bi hsara ta’ haddiehor aktar meta l-ligi tipprovdi li l-ufficjal jew impiegat civili ikun wettaq dak l-att dolozament. Fic-cirkostanzi u mill-provi jirrisulta li l-animu doluz fl-imputat huwa ghal kollox nieqes.

Illi l-artikoli tal-ligi l-ohra citati mill-Avukat Generali ma jikkontemplaw ebda reat.

Inghad dan fuq espost l-Qorti qeghdha ghaldaqstant issib l-imputat mhux hati u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------